# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

## Illum, 3 ta' Dicembru 2020

Rikors Numru: 291/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi r-rikorrent kien iżżewweġ lil C D nhar il-ħdax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (11.06.1999) u miż-żwieġ tagħhom twieldet Nikita nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (03.01.2001);

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono, datat it-tlettax ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (13.06.2014) (Dok A);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet, ir-rikorrent kien irrinunzja mid-dritt tiegħu li jitlob u jottjeni manteniment mingħand martu, filwaqt li l-konvenuta kienet iddekadiet mill-istess dritt.

4. Illi in oltre, l-esponent dejjem ħallas il-manteniment għall-bint X

5. kif ukoll għall-ispejjeż tal-istess u llum m'hemm ebda pendenzi dwar l-istess;

6. Illi illum m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, illum ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrari sabiex fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet;

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-intimata fl-ewwel lok mat-talbiet tar-rikorrent u cioe` li dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikoli 66 B, 66 C, u kif ukoll 66 N (1) (a) u (b) tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi l-unika eċċezzjoni li l-intimata għandha x'tissoleva hija illi hija m'għandhiex tbati spejjez tar-rikorrent ta' dawn l-odjerni proċeduri;
3. Illi inoltre, l-istess intimata qiegħda tipprezenta l-affiavit taħha li jinsab hawn esebiti u mmarkat bhala Dok. "LV1";
4. Illi għar-raġunijiet suesposti l-intimata tirrimetti ruħha ghas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti għat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata pprezentat ix-xiehda tagħha permezz tal-affidavit;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Gunju, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.